MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru. 283/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Marco Formosa**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Marco Formosa, iben Maurizio u Josephine nee` Darmanin, imwieled il-Pieta` fl-20 ta` Marzu, 1978 u residenti 21, 'Colorado', Triq Bulebel iz-Zghir, Zabbar u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 159678 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fuq talba ta` l-awtorita` tal-posta (Corporate Services Division) l-imputat kien gie akkuzat talli:-

Bejn Ottubru, 2003 u Frar, 2004 kien mar kontra il-gurament li hu kien ha bhala pustier li jaghmel ix-xoghol tieghu b`diligenza billi jqassam l-ittri bla dewmien u li jqassam l-ittri registrati waqt li jipproduci l-ircevuti necessarji u li l-imputat ma kienx jiftah ittri jew jhalli lil xi terza persuni jifthu xi ittri li jkunu taht ir-responsabbilita` tieghu minghajr il-permess tal-persuna li tkun baghtet l-ittra jew il-pakkett jew ta` dak li jkun ser jircevieh skond il-liti u li l-imputat kien jobdi l-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghu; meta l-imputat ma kienx qassam mija u hdax-il ittra (111) registrati li kienu jinkludu ittri ufficcjali tal-Qorti bi ksur ta` l-artikoli 30 u 74 (1) u 75 tal-Kap. 254 (servizzi postali) tal-Ligijiet ta` Malta.

Ukoll talli bejn ix-xhur ta` Ottubru 2003 u Frar, 2004 b`diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b`rizoluzzjoni wahda, bhala pustier kien mexa kontra dak li wieghed fil-gurament tieghu billi ma qassamx l-imsemmija ittri bi ksur ta` l-art. 62 (5) tal-Kap. 254 dwar servizzi postali tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ April 2004 (Dok. S 1 *a folio* 13 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-14 ta’ Gunju, 2004 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Ili dawn il-proceduri gew inizjati wara li l-Pulizija rceviet rapport datat 13 ta’ Ottubru 2004 minghand Maltapost plc (esebit *a folio* 4 tal-process) fejn il-Pulizija Ezekuttiva giet mitluba tinvestiga u tiehu proceduri kriminali fil-konfronti tal-imputat fil-kawza odjerna minhabba li dan kien agixxa bi ksur tal-gurament ta’ pustier minnu mehud taht dak li jidisponi l-Kap. 254 tal-Ligjiet ta’ Malta. Mil-provi fil-fatt irrizulta li fil-perjodu bejn Ottubru 2003 sa l-ahhar ta’ Jannar 2004 l-imputat kien zamm ghandu u ma qassamx mija u hdax (111) -il ittra registrata, liema ittri kienu jinkludu ittri tal-Qorti. Mix-xhieda ta’ Anthony Borg (*a folio* 18 u 19 tal-process), Joseph Gafa’ (*a folio* 20 u 21 tal-process), Sebastian Micallef (*a folio* 24 u 25 tal-process) u Jude Taddeo Cilia (*a folio* 26 u 27 tal-process) jirrizulta li l-imputat li kien impjegat bhala pustier mal-Maltapost plc u kien inkarigat iqassam l-ittri fiz-zona ZTN 15. Fil-bidu ta’ Frar 2004 il-Maltapost plc rceviet ilment minghand persuna li ma kienitx irceviet itra registrata u wara ndagni li saret irrizulta li dinl-ittra flimkien ma mija u hdax (111) il-ittra ohra kienu inzammu mill-imputat u ma tqassmux. Dawn l-ittri kienu ghadhom maghluqin u intatti izda ma kienux tqassmu lid-destinatarji taghhom mill-imputat. Dawn l-ittri kienu kollha indirizzati lil destinatarji li joqoghdu fiz-zona ZTN 15, u cioe’ z-zona li kienet taqa’ taht ir-responsabilita’ tal-imputat.

Dawn l-ittri kienu fil-basktijiet tax-xoghol, jew l-hekk imsemmijha pouches tal-imputat. Mill-provi jirrizulta li ttiehdu proceduri dixxiplinari interni fil-konfronti tal-imputat li l-ewwel gie sospiz mill-impjieg u sussegwentement gie mkecci mill-istess impjieg minhabba dak li kien gara.

L-imputat li ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (ara xhieda relattiva *a folio* 37 et sequitur tal-process) spjega li fil-perjodu in kwistjtoni huwa kellu l-problemi ghaliex kien qed ibaghti minn depression u minhabba dawn il-problemi ma kienx qed ilahhaq max-xoghol li kellu u kien ghal din ir-raguni li huwa ma qassamx l-ittri registrati in kwisjtoni. Huwa izda qal ukoll li qatt ma kien informa lis-superjuri tieghu li kellu dawn il-problemi u li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol assenjat lilu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 30 tal-Kap. 254 jistabbilixxi li persuna ma tistax tidhol fil-kariga ta’ operator postali jekk qabel ma taghmilx bil-gurament id-dikjarazzjoni li hemm fl-Ewwel Skeda ta’ dan l-Att. fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 254 insibu l-gurament li jittiehed minn operatur postali li huwa is-segwenti:-

*“Jiena hawn taht iffirmat niddikjara bil-gurament/solemnement li Volontarjament ma niftahx u ma ndewweimx, ma ngieghelx u ma nhallix lil min jiftah jew idewwem, kontrarjament ghad-dmirijiet tieghi, xi oggett postali li jigi f’idejja jew li jkun taht il-ksutodja tieghi minhabba l-kariga tieghi fis-servizz postali, hlief bil-kusnens ta’ min jibghatu jew tal-persuna lil lilha jkun indirizzat, jew hlief f’dawk il-kazijiaet li fihom inkun hekka awtorizzat jew ordnat skond il-ligi….”.*

Illi l-Artikolu 75 tal-Kap. 254 jipprovdi li minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, kull ufficjal ta’ operatur postali li jagixxi bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li ssir skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 30, ikun hati ta’ reat u jehel meta jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta’ mhux iktar minn xahar jew multa ta’ mhux izjed minn hames mitt lira jew il-prigunerija u l-multa flimkien.

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni irrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li huwa kien ha bhala pustier meta huwa zamm ghandu ghal perjodu sostanzjali u minghajr ebda raguni valida mija u hdax il-ittra registrata. Kif intqal fil-paragrafu precedenti l-imputat kien iddikjara bil-gurament li huwa ma kienx ser idewwem it-tqassim ta’ oggetti postali li jkunu fil-kustodja tieghu minhabba l-kariga tieghu fis-servizzi postali izda mill-provi rrizulta li huwa ghazel li jzomm l-ittri ghandu minghajr ma jqassamhom lid-destinatarji. Ir-raguni moghtija mill-imputat ghal tali dewmien m’hijiex gustifikabbli. Jekk huwa kien qed ibati minn stat ta’ depressjoni u jekk huwa ma kienx qed ilahhaq max-xoghol assenjat lilu imissu lmenta jew ghall-anqas informa lis-superjuri tieghu u mhux qabad

u ddecieda li ma jqassamx ammont daqshekk sostanzjali ta’ ittri registrati lid-destinatiarji tal-istess ittri.

Waqt it-trattazzjoni finali id-difiza sostniet li una volta li ttiehdu passi dixxiplinari fil-konfronti tal-imputat mill-Maltapost plc ma setghux jinbdew il-proceduri odjerni. Il-Qorti jidrilha li din is-sottomissjoni da parti tad-Difiza hija ghal kollox infondata stante li kif diga’ gie stabbilit fil-paragrafi precedenti l-Artikolu 75 tal-Kap. 254 jipprovdi specifikatament li operatur postali li jagixxi bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament mehuda ai termini tal-Artikolu 30 tal-istess Kap. 254 ikun hati ta’ reat. Il-Qorti jidrilha li l-proceduri dixxiplinari li ttiehdu fil-konfronti tal-imputat minn min kien jimpjegah huma ben separati u distinti mill-proceduri odjerni fejn l-imputat jinsab akkuzat b’reati kontemplati fil-Kap. 254 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-Qorti ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat, il-fatt li huwa kellu problemi ta’ natura personali fil-perjodu in kwistjoni u l-fatt li l-ittri li nzammu ghand l-imputat minghajr ma tqassmu ma nfethux mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara lli rat l-Artikoli 30, 75 u l-ewwel Skeda tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------